StudentBounty.com

# SKEJJEL PRIMARJI

## EŻAMIJIET TA’ NOFS IS-SENA 2013

| IR-RABA’ SENA | MALTI FEHEM MIS-SMIGĦ | Ħin: 30 minuta |
| --- | --- | --- |

Ktejjeb tal-għalliem

Nota :

Dan l-iskript jinqara biss fil-każ li d-diska kompatta ma taħdimx.



www.StudentBounty.com

**Merħba! Matul dan l-eżami tas-smigħ ħa tisimgħu silta bl-isem ta' *Fuq il-Karozza tal-Mellieħa*. Għal issa żommu l-karta wiċċha 'l isfel u isimgħu l-istorja b'attenzjoni.** *(Pawża ta' 4 sekondi)*

## Fuq il-Karozza tal-Mellieħa

Ħarġa barra mir-raħal Fra Mudest ma kienx jitlifha. Malli jxomm li xi ħadd mill-kunvent kien ħiereġ, arah jindiehes biex forsi jmur miegħu. U ħafna drabi kien jirnexxilu, għax lill-Fra kulħadd kien iħobbu.

Mela darba l-Pirjol kellu bżonn imur qadja sal-Mellieħa u Fra Mudest stieden ruħu b'idejh. Mal-Pirjol u Fra Mudest mar ukoll Pietru s-sagristan. Mill-Belt rikbu fuq il-karozza tal-linja li kellha twassalhom sal-Mellieħa. Fra Mudest u Pietru s-sagristan qagħdu fejn xulxin u l-Pirjol qagħad bilqiegħda warajhom.

Pietru kien iħobb jilgħab l-imħatri. U d-diskors waqa' fuq dakinhar li Fra Mudest kien qam biex iċedi postu lil dik ix-xiħa u kien qaleb il-gaġġa bl-għasafar. U kelma ġġib lil oħra, Fra Mudest u Pietru s-sagristan, għamlu mħatra li Fra Mudest ma jqumx iċedi postu lil xi ħadd, ikun min ikun.

Mela ġara li l-karozza mtliet u f'ħin minnhom telgħu tliet nisa. Fra Mudest ma ċċaqlaqx u ħadd iktar ma qam minn postu. Il-Pirjol taptap fuq dahar il-Fra u qallu, minn taħt l-ilsien, "Fra ... ċedi postok lil waħda minn dawk is-sinjuri."
Fra Mudest ma ħax gost b'din l-ordni tal-Pirjol, iktar u iktar meta lemaħ tbissima fuq wiċċ Pietru s-sagristan. Imma x'seta' jagħmel!

Qam minn postu u kellem lit-tliet nisa. Ħadd minnhom ma tniffes u wara ftit Fra Mudest reġa' qagħad bilqiegħda. Il-Pirjol reġa' staqsieh.
"Mela ... ma smajtnix!"
"Iva Pirjol smajtek ... imma meta offrejtilhom posti ħadd minnhom ma ried joqgħod! Xi tridni nagħmel?"

Il-Pirjol ma tkellimx aktar, imma meta waslu l-Mellieħa staqsa lill-Fra x'kien ġara eżatt, iktar u iktar meta dawk in-nisa kienu l-ħin kollu qed iħarsu bl-ikrah lejn il-Fra.
"Għax ħa ngħidlek Pirjol ... " beda l-Fra, "jien qomt u billi kienu tlieta, ma kontx naf lil min se noffri posti. Għalhekk jien għidtilhom ... Intom qegħdin tlieta ... jien post wieħed nista' noffri ... għalhekk l-ixjeħ waħda



www.StudentBounty.com

fostkom tista' tieħu posti ... Ma nafx għaliex ħadd minnhom ma tkellem ... u jien bqajt fejn kont ... u rbaħt l-imħatra... "
Il-Pirjol ta daqqa fuq ġbinu u qal, "Fra Mudest ... int se ġġenninni."

**Issa tfal, intom tistgħu tiftħu l-karta u tħarsu lejn il-mistoqsijiet. Ħa naqra l-mistoqsijiet iżda ma tistgħux tiktbu t-tweġibiet tagħkom. Kif inlesti mill-qari tal-mistoqsijiet agħlqu l-karta u aqilbuha wiċċha 'l isfel.** *(Pawża ta' 4 sekondi)*

**Eż A. Agħżel it-tajba billi tagħmel √ (sinjal) ħdejn it-tajba. Ara l-eżempju.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Fra Mudest kien iħobb | a | jibqa' fil-kunvent. | |
| | | b | joqgħod fil-ġnien. | |
| | | ċ | joħroġ. | √ |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2. | Fra Mudest kien maħbub minn | a | kulħadd. | |
| | | b | uħud. | |
| | | ċ | ħadd. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3. | Fra Mudest mar il-Mellieħa | a | mal-Pirjol u Fra Diegu. | |
| | | b | ma' Pietru u mal-Pirjol. | |
| | | ċ | waħdu. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*


www.StudentBounty.com

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 4. | Il-karozza tal-linja telqet | a | mill-Belt. | |
| | | b | mill-Imsida. | |
| | | ċ | minn Birkirkara. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5. | Fra Mudest u Pietru qagħdu bilqiegħda | a | quddiem il-Pirjol. | |
| | | b | wara l-Pirjol. | |
| | | ċ | ħdejn il-Pirjol. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6. | L-imħatra kienet li | a | mara xiħa taqleb il-gaġġa bl-għasafar. | |
| | | b | Fra Mudest ma jqumx u jċedi postu. | |
| | | ċ | il-karozza tal-linja tintela' malajr. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 7. | Il-Pirjol staqsa lil Fra Mudest biex | a | jersaq ftit. | |
| | | b | ibiddel postu. | |
| | | ċ | iċedi postu. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 8. | It-tliet nisa | a | ma ridux joqogħdu bilqiegħda. | |



www.StudentBounty.com

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | b | riedu joqogħdu bilqiegħda | |
| | | ċ | bdew jidħku. | |

*PAWŻA TA' 4 SEKONDI*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Kemm-il post seta' joffri il-Fra? | a | wieħed. | |
| | | b | tnejn. | |
| | | ċ | tlieta. | |
| 10. | Fra Mudest ried iċedi postu għal min kien | a | l-iżgħar. | |
| | | b | l-aktar miġugħ. | |
| | | ċ | l-aktar anzjan. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. | B'dak li qallilhom Fra Mudest, in-nisa | a | ħadu gost. | |
| | | b | irrabbjaw. | |
| | | ċ | bdew jibku. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. | Il-Pirjol ___________ x'ħin sar jaf x'qalilhom il-Fra | a | irrabja. | |
| | | b | ħa gost. | |
| | | ċ | daħak. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. | Fra Mudest *"stieden ruħu* | a | xtaq li jkun mistieden. | |



www.StudentBounty.com

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | *b'idejh"* tfisser | | | |
| | | b | staqsa huwa stess biex imur. | |
| | | ċ | kien qed jistenna stedina. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 14. | Ħadd *"ma tniffes"* tfisser | a | ħadd ma ċċaqlaq. | |
| | | b | ħadd ma ħa nifs. | |
| | | ċ | ħadd ma tbissem. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 15. | Min rebaħ l-imħatra? | a | Il-Pirjol. | |
| | | b | Is-sagristan. | |
| | | ċ | Fra Mudest. | |

*Pawża ta' 4 sekondi*

**Eż B. Imla l-vojt b'kelma sabiex is-sentenza tagħmel sens.**

Fra Mudest kien iħobb **joħroġ** fuq xi qadja ma' xi ħadd. Il-Fra kien *(Pawża ta' 4 sekondi)* __________________ minn kulħadd. Hu mar sal- *(Pawża ta' 4 sekondi)* _____________________ mal-Pirjol u ma' *(Pawża ta' 4 sekondi)* ______________________ s-sagristan. Kif kienu fuq tal-linja, Pietru u Fra Mudest lagħbu *(Pawża ta' 4 sekondi)* _______________________. Il-Pirjol staqsieh biex iqum u jċedi *(Pawża ta' 4 sekondi)*_____________________. Fra



www.StudentBounty.com

Mudest ma ħax *(Pawża ta' 4 sekondi)*_________________ iżda kellu jobdi lill-Pirjol.

**Aqilbu l-karta wiċċa 'l isfel u isimgħu t-tieni qari tas-silta. Ma tistgħux tiktbu xejn**. *(Pawża ta' 4 sekondi)*

## Fuq il-Karozza tal-Mellieħa

Ħarġa barra mir-raħal Fra Mudest ma kienx jitlifha. Malli jxomm li xi ħadd mill-kunvent kien ħiereġ, arah jindiehes biex forsi jmur miegħu. U ħafna drabi kien jirnexxilu, għax lill-Fra kulħadd kien ħobbu.

Mela darba l-Pirjol kellu bżonn imur qadja sal-Mellieħa u Fra Mudest stieden ruħu b'idejh. Mal-Pirjol u Fra Mudest mar ukoll Pietru s-sagristan. Mill-Belt rikbu fuq il-karozza tal-linja li kellha twassalhom sal-Mellieħa. Fra Mudest u Pietru s-sagristan qagħdu fejn xulxin u l-Pirjol qagħad bilqiegħda warajhom.

Pietru kien iħobb jilgħab l-imħatri. U d-diskors waqa' fuq dakinhar li Fra Mudest kien qam biex iċedi postu lil dik ix-xiħa u kien qaleb il-gaġġa bl-għasafar. U kelma ġġib lil oħra, Fra Mudest u Pietru s-sagristan, għamlu mħatra li Fra Mudest ma jqumx iċedi postu lil xi ħadd, ikun min ikun.

Mela ġara li l-karozza mtliet u f'ħin minnhom telgħu tliet nisa. Fra Mudest ma ċċaqlaqx u ħadd iktar ma qam minn postu. Il-Pirjol taptap fuq dahar il-Fra u qallu, minn taħt l-ilsien, "Fra ... ċedi postok lil waħda minn dawk is-sinjuri."
Fra Mudest ma ħax gost b'din l-ordni tal-Pirjol, iktar u iktar meta lemaħ tbissima fuq wiċċ Pietru s-sagristan. Imma x'seta' jagħmel!

Qam minn postu u kellem lit-tliet nisa. Ħadd minnhom ma tniffes u wara ftit Fra Mudest reġa' qagħad bilqiegħda. Il-Pirjol reġa' staqsieh.
"Mela ... ma smajtnix"

"Iva Pirjol smajtek ... imma meta offrejtilhom posti ħadd minnhom ma ried joqgħod! Xi tridni nagħmel?"
Il-Pirjol ma tkellimx aktar, imma meta waslu l-Mellieħa staqsa lill-Fra x'kien ġara eżatt, iktar u iktar meta dawk in-nisa kienu l-ħin kollu qed iħarsu bl-ikrah lejn il-Fra.



www.StudentBounty.com

"Għax ħa ngħidlek Pirjol ... " beda l-Fra "jien qomt u billi kienu tlieta, ma kontx naf lil min se noffri posti. Għalhekk jien għidtilhom ... Intom qegħdin tlieta ... jien post wieħed nista' noffri ... għalhekk l-ixjeħ waħda fostkom tista' tieħu posti...Ma nafx għaliex ħadd minnhom ma tkellem ... u jien bqajt fejn kont ... u rbaħt l-imħatra ..."
Il-Pirjol ta daqqa fuq ġbinu u qal, "Fra Mudest ... int se ġġenninni."

**Issa tistgħu tiftħu l-karta u twieġbu l-mistoqsijiet. Immarkaw tweġiba waħda biss għal kull mistoqsija. Għandkom 8 minuti biex tagħmlu dan.** *(Pawża ta' 8 minuti)*

**Se naqralkom it-test għat-tielet u l-aħħar darba. Tistgħu tkomplu xi mistoqsijiet li ħallejtu barra waqt dan it-tielet qari.** *(Pawża ta' 4 sekondi)*

## Fuq il-Karozza tal-Mellieħa

Ħarġa barra mir-raħal Fra Mudest ma kienx jitlifha. Malli jxomm li xi ħadd mill-kunvent kien ħiereġ, arah jindiehes biex forsi jmur miegħu. U ħafna drabi kien jirnexxilu, għax lill-Fra kulħadd kien iħobbu.

Mela darba l-Pirjol kellu bżonn imur qadja sal-Mellieħa u Fra Mudest stieden ruħu b'idejh. Mal-Pirjol u Fra Mudest mar ukoll Pietru s-sagristan. Mill-Belt rikbu fuq il-karozza tal-linja li kellha twassalhom sal-Mellieħa. Fra Mudest u Pietru s-sagristan qagħdu fejn xulxin u l-Pirjol qagħad bilqiegħda warajhom.

Pietru kien iħobb jilgħab l-imħatri. U d-diskors waqa' fuq dakinhar li Fra Mudest kien qam biex iċedi postu lil dik ix-xiħa u kien qaleb il-gaġġa bl-għasafar. U kelma ġġib lil oħra, Fra Mudest u Pietru s-sagristan, għamlu mħatra li Fra Mudest ma jqumx iċedi postu lil xi ħadd, ikun min ikun.

Mela ġara li l-karozza mtliet u f'ħin minnhom telgħu tliet nisa. Fra Mudest ma ċċaqlaqx u ħadd iktar ma qam minn postu. Il-Pirjol taptap fuq dahar il-Fra u qallu, minn taħt l-ilsien, "Fra ... ċedi postok lil waħda minn dawk is-sinjuri."
Fra Mudest ma ħax gost b'din l-ordni tal-Pirjol, iktar u iktar meta lemaħ tbissima fuq wiċċ Pietru s-sagristan. Imma x'seta' jagħmel!


www.StudentBounty.com

Qam minn postu u kellem lit-tliet nisa. Ħadd minnhom ma tniffes u wara ftit Fra Mudest reġa' qagħad bilqiegħda. Il-Pirjol reġa' staqsieh.
"Iva Pirjol smajtek ... imma meta offrejtilhom posti ħadd minnhom ma ried joqgħod! Xi tridni nagħmel?"
Il-Pirjol ma tkellimx aktar, imma meta waslu l-Mellieħa staqsa lill-Fra x'kien ġara eżatt, iktar u iktar meta dawk in-nisa kienu l-ħin kollu qed iħarsu bl-ikrah lejn il-Fra.
"Għax ħa ngħidlek Pirjol ... " beda l-Fra, "jien qomt u billi kienu tlieta, ma kontx naf lil min se noffri posti. Għalhekk jien għidtilhom ... Intom qegħdin tlieta ... jien post wieħed nista' noffri ... għalhekk l-ixjeħ waħda fostkom tista' tieħu posti ... Ma nafx għaliex ħadd minnhom ma tkellem ... u jien bqajt fejn kont ... u rbaħt l-imħatra..."
Il-Pirjol ta daqqa fuq ġbinu u qal, "Fra Mudest ... int se ġġenninni."

**Tfal issa tistgħu tiċċekkjaw il-karta u komplu dawk il-mistoqsijiet li m'għamiltux. Araw li mmarkajtu tweġiba waħda biss għal kull mistoqsija.** ***(Pawża ta' 4 minuti)***

Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa tfal !



www.StudentBounty.com